4 ta' Lulju 2015
80/2015

# FUNERAL TA' MISSIER MONSINJUR ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA

Il-funeral tas-Sur Emanuel Scicluna, missier Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna, ser isir nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015.

Fit-8:30 ta' filgħodu, il-korteo funebri jitlaq mill-Isptar Mater Dei għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija, fejn issir Quddiesa *praesente cadavere* fid-9:15. Wara l-Quddiesa, il-funeral ikompli f'forma privata u ssir id-difna fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija.

Is-Sur Emanuel Scicluna għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2015, ftit qabel nofsilejl, fi sptar f'Ruma fejn kien rikoverat b'urġenza waqt il-pellegrinaġġ tal-familja fl-okkażjoni tat-tberik u l-għoti tal-*pallium* mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, lil Monsinjur Arċisqof. Is-Sur Scicluna kellu 85 sena.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**